MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Numru 927/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**

**MARK CAUCHI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Cauchi 29 sena bin John u Margaret nee' Gauci mwieled Attard fid-19 ta' Mejju, 1980 u li joqghod fil-fond 75 Triq Nazzarenu Paola. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 252880(M).

Billi gie akkuzat talli f'xi gurnata bejn it-28 ta' Mejju u l-4 ta' Gunju 2008, minn fuq-il yacht bl-isem 'Zen' bin-numru

SSR104737 li kien sorgut mal-Pontoon 2C ‘Manoel Island Yacht Marina’ Gzira, kkommetta serq ta’ VHFradio u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Stuart Wilkinson, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-koj, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Stuart Wilkinson, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u gherbejn centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164,69).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ wara din id-data, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok CM3 fl-atti tal-kawza u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Mark Cauchi.

Innutat ukoll li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b), (c), (e), (f) u (g), 263, 267, 269(e), 270, 271, 278(3), 280(2), 281(c) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mark Cauchi, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Mark Cauchi ghall-piena komplessiva ta’ ghoxrin (20) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Mark Cauchi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Mark Cauchi li tirrigwarda ricettazzjoni.

Inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispetttur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni fis-Seduta tallum rigward din l-imsemmija talba kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mark Cauchi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------